*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: J. F. Crespo Carrillo, aġent)

*Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO:* Alter Farmacia, SA (Madrid, Spanja)

**Suġġett**

Rikors kontra d-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-22 ta' April 2021 (Każ R 1208/2020-5) dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Alter Farmacia u Biogena.

**Dispożittiv**

1) Id-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-22 ta' April 2021 (Każ R 1208/2020-5) hija annullata sa fejn tikkonċerna l-prodotti li jaqgħu taħt il-Klassi 5 fis-sens tal-Ftehim ta' Nice fir-rigward tal-klassifikazzjoni internazzjonali ta' prodotti u servizzi għall-finijiet tar-reġistrazzjoni tat-trade marks, tal-15 ta' Ġunju 1957, kif rivedut u emendat u l-"Ħwawar imnixxfa; ħwawar u ħxejjex ippreservati", li jaqgħu taħt il-Klassi 30.

2) Il-kumplament tar-rikors huwa miċħud.

3) Kull parti għandha tbati l-ispejjeż tagħha stess.

(1) ĠU C 329, 16.8.2021.

---

**Digriet tal-Qorti Ġenerali tal-25 ta' Marzu 2022 – Saure vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-151/21)** [1]

***("Rikors għal annullament – Aċċess għal dokumenti – Regolament (KE) Nru 1049/2001 – Korrispondenza tal-Kummissjoni dwar il-kwantitajiet u t-termini tal-kunsinna ta' vaċċini kontra l-COVID-19 ta' BioNTech SE – Rifjut inizjali – Att li ma jistax jiġi kkontestat – Talba għall-adattament tat-talbiet – Evalwazzjoni tal-ammissibbiltà ta' rikors fil-mument tal-preżentata tiegħu – Inammissibbiltà manifesta")***

(2022/C 222/47)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Hans-Wilhelm Saure (Berlin, il-Ġermanja) (rappreżentant: C. Partsch, avukat)

*Konvenut:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: A. Spina, K. Herrmann u G. Gattinara, aġenti)

**Suġġett**

Permezz tar-rikors tiegħu bbażat fuq l-Artikolu 263 TFUE, ir-rikorrent jitlob l-annullament tal-ittra tal-Kummissjoni tas-27 ta' Jannar 2021 dwar ir-rifjut ta' talba inizjali ta' aċċess għal ċerti dokumenti.

**Dispożittiv**

1) Ir-rikors huwa miċħud bħala manifestament inammissibbli.

2) Hans-Wilhelm Saure huwa kkundannat, minbarra għall-ispejjeż rispettivi tiegħu, għal dawk sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea u marbuta mat-talbiet għall-adattament tar-rikors u l-Kummissjoni hija kkundannata għall-ispejjeż rispettivi tagħha marbuta mar-rikors.

(1) ĠU C 189, 17.5.2021.